00000

# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 708/2017 MH**

**Illum, 3 ta' Lulju, 2019**

**HSBC Bank (Malta) p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**Cerfar Limited (C 10781)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Bank attur tas-7 ta' Awissu 2017** li permezz tiegħu gie premess:

*"1. Illi in forza ta' bejgħ bis-subasta miżmum taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Lulju, 2012 (subasta numru 6/2011) ġew liberati favur il-Bank attur sitt fondi ġja appartenenti lil soċjeta' debitriċi tal-Bank attur Penza Concrete Services Limited, bħala garanti solidali tas-soċjeta' Penza Tarmac Limited, u dan għall-prezz totali ta' erba' mija u elfejn Euro (€ 402,000) (**Dok HBM 1**);*

*2. Illi qabel l-imsemmi bejgħ, u senjatament b'nota ġuramentata tad-9 ta' Marzu, 2011, l-Bank attur kien irreġistra ruħu sabiex jagħmel offerta animo compensandi u fis-6 ta' Lulju, 2012, ippreżenta ċedola ta' kompensazzjoni u rikors għall-approvazzjoni sabiex jikkompensa l-prezz offrut mill-Bank ma' somma ekwivalenti mill-kreditu akbar dovut minn Penza Concrete Services Limited* **(Dok HBM 2)***;*

*3. Illi l-konvenuta Cerfar Limited ressqet risposta fl-10 t'Awwissu, 2012 (***Dok HBM 3***) illi biha opponiet għal dan ir-rikors għall-approvazzjoni ta' kompensazzjoni abbażi ta' allegazzjoni illi hija tivvanta kreditu ta'* ***€ 42,426*** *kontra Penza Concrete Services Limited munit b'ipoteka bin-numru 2658/2009, konsistenti f'kapital bilanċjali ta' tlieta u tletin elf Euro (€ 33,000) u imgħaxijiet li kienu laħqu ddekorrew;*

*4. Illi f'replika tas-7 ta' Settembru, 2012 (***Dok HBM 4***, b'dokumenti magħha annessi) fl-atti tas-subasta 6/2011, il-Bank attur irrileva inter alia illi l-bank attur għandu kreditu pozzjuri għal dak tas-soċjeta' Cerfar Limited b'dan illi skont ir-riċerki li saru mill-Bank attur irriżulta illi l-Bank huwa munit bis-segwenti ipoteki:*

*(a) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H5207/2001 sas-somma ta' € 1,979,967.39*

*(b) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H 12364/2002 sas somma ta' € 58,234,33 oltre garanzija ipotekarja addizzjonali ta' € 58,234.34*

*5. Illi fl-istess replika, il-bank irrileva illi b'żieda ma' dan, il-Bank għandu krediti ipotekarji oħrajn illi għalkemm ma użax biex jikkompensa l-prezz, jista' jistrieħ fuqhom f'konkors eventwali, u fosthom:*

*(a) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H 11713/1994*

*(b) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H 1425/1998*

*(c) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H 6022/1998*

*(d) Ipoteka Ġenerali u Ipoteka Speċjali numru H 23280/2004*

*6. Illi b'nota ulterjuri tas-16 t'April, 2013 (Dok* ***HBM 5****), il-Bank attur eżebixxa fl-atti tas-subasta kopja tan-nota ta' ipoteka numru 4038/1995, illi pero kienet ġiet kanċellata b'nota R 1467/2009 datata 26 ta' Frar, 2009 b'dan illi l-kreditu ta' Cerfar Limited ċertament ma jippregradwax dak tal-HSBC Bank Malta plc;*

*7. Illi madanakollu, Cerfar Limited baqgħet tinsisti bl-oġġezzjoni tagħha għall-kompensazzjoni u dan minkejja illi (i) il-kreditu ta' Cerfar Limited huwa manifestament posterjuri għal tal-Bank attur u (ii) f'kull każ huwa ferm iżgħar għal dak tal-Bank;*

*8. Illi b'konsegwenza tal-pożizzjoni vessatorja ta' Cerfar Limited, b'digriet tad-9 ta' Settembru, 2013 il-Qorti, mingħajr ma laqgħet jew ċaħdet ir-rikors għall-approvazzjoni taċ-ċedola ta' kompensazzjoni, ordnat illi jsir konkors ta' kredituri (Dok* ***HBM 6****);*

*9. Illi f'attentat biex tinstab soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni, il-Bank attur ressaq rikors fl-20 ta' Settembru, 2013 illi bih talab illi l-Qorti tgħaddi biex tiddekreta r-rikors għall-approvazzjoni taċ-ċedola ta' kompensazzjoni b'dan illi l-Bank jiddepożita garanzija bankarja favur ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għall-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€ 45,000). (Dok* ***HBM 7****) Dan mhux biss biex il-pretensjoni ta' Cerfar Limited tiġi kawtelata (minkejja illi manifestament infondata u vessatorja) iżda wkoll sabiex ikun sar id-depożitu li fir-rigward tiegħu tista' ssir il-proċedura ta' konkors ta' kredituri;*

*10. Illi b'risposta tas-17 ta' Diċembru, 2013 (Dok* ***HBM 8****) il-konvenuta Cerfar Limited opponiet anke għal dan ir-rikors tal-20 ta' Settembru, 2013 u dan wara li sostniet illi billi laħqu ddekorrew imgħaxijiet ulterjuri, il-kreditu tagħhom kien żdied għal € 48,399.66 u ċjoe qabeż is-somma ta' € 45,000 li kien offra li jikkawtela l-Bank;*

*11. Illi ffaċċjat minn din ir-reżistenza vessatorja minn Cerfar Limited, il-Bank ressaq rikors ulterjuri fl-24 t'April, 2014 (Dok* **HBM 9***) fejn mhux biss offra illi jkopri s-somma sħiħ ta' € 48,399.66 indikata minn Cerfar Limited iżda anke iddikjara illi jaċċetta illi d-depożitu jsir fi flus kontanti flok permezz ta' garanzija bankarja. Fid-dawl ta' dan, bir-rikors tiegħu il-Bank irtira r-rikors preċedenti tal-20 ta' Settembru, 2013 u talab minflok illi din l-Onorabbli Qorti tgħaddi biex tiddekreta r-rikors għall-approvazzjoni taċ-ċedola ta' kumpensazzjoni għall-ammont ridott ta' € 353,600.34 bil-kundizzjoni illi l-Bank jiddepożita s-somma ta' € 48,399.56 biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' Cerfar Limited;*

*12. Illi l-intenzjonijiet vessatorji u "rikattanti" ta' Cerfar Limited komplew joħorġu ċar meta anke għal dan ir-rikors ġdid tal-Bank, maħsub biex jikkawtela l-pretensjonijiet ta' Cerfar stess, il-konvenuta insistiet bl-oppożizzjoni tagħha u bl-affermazzjoni żbaljata illi l-kreditu tagħha jippregradwa dak tal-Bank attur (Dok* **HBM 10***);*

*13. Illi b'deċiżjoni tat-2 t'Ottubru, 2014, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet ir-rikors tal-Bank attur u iddikjarat illi qed tagħmel dan in vista tal-oppożizzjoni ta' Cerfar Limited (Dok* **HBM 11***);*

*14. Il-Bank attur ressaq għalhekk rikors ieħor fit-8 t'Ottubru, 2014 fejn talab lill-Qorti tirrikunsidra l-pożizzjoni tagħha (Dok* **HBM 12***) iżda għal dan Cerfar Limited reġgħet opponiet b'risposta tat-18 ta' Novembru, 2014 (Dok* **HBM 13)** *u, fid-dawl ta' dan il-Qorti ċaħdet it-talba(Dok* **HBM 14)***. Il-Bank attur kien għalhekk kostrett illi jiddepożita l-prezz sħiħ ta' € 402,000 (b'ċedola ta' depożitu numru 1018/2015 dok* **HBM 15** *) u tnediet il-proċedura ta' konkors ta' kredituri;*

*15. Illi, bir-rispett, huwa ċar illi l-konvenuta Cerfar Limited ħadet attitudni kontinwa t'ostrużżjoniżmu irraġjonevoli u dan preżumibilment biex mingħaliha tpoġġi pressjoni fuq il-bank biex iħallas somma sabiex jevita proċeduri itwal. Dan huwa aġir abużiv illi kkawża danni lill-Bank attur, konsistenti primarjament telf ta uzu fuq is-somma li l-Bank kien kostrett jiddepożita l-Qorti, spejjeż konsiderevoli inkorsi fil-proċeduri fuq deskritt u f'telf ta' opportunitajiet illi l-Bank ibiegħ il-proprjeta' akkwistata bis-subasta tul dan id-dewmien kollu li waqqaf milli l- propjeta` setghet tigi insinwata f`isem il Bank;*

*16. Illi Cerfar Limited ġiet interprellata tirtira l-oġġezzjonijiet tagħha bi protest tal-2 ta Gunju 2015 (Dok* ***HBM 16****) u ġiet imsejħa wkoll taddivjeni għad-danni iżda baqgħet inadempjenti;*

*17. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

***GĦALDAQSTANT****, il-Bank attur umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bank attur huwa munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' kredituri oħra fosthom tal-istess konvenuta Cerfar Limited, u li għalhekk id-depożitu li sar fl-atti tal-proċeduri tas-subasta 6/11 biċ-ċedola numru 1018/2015 fis-somma ta' € 402,000 jispetta lill-Bank attur;*

*(ii) Tawtorizża lill-Bank attur jirtira mir-Reġistru ta' din il-Qorti l-imsemmija somma ta' € 402,000 hekk depożitata;*

*(iii) Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-Bank attur konsistenti partikolarment imma mhux esklussivament fl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma depożitata;*

*(iv) Tillikwida d-danni sofferti mill-Bank attur;*

*(v) Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni hekk likwidati;*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inklużi dawk tal-protest datat 2 ta Gunju 2015 u tas-sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment , kontra s-soċjeta konvenuta illi r-rappreżnetanti tagħha huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

**Rat illi s-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bl-atti tal-kawża[1], ma ntavolat ebda risposta entro t-terminu stipulat mill-liġi u għalhekk hija kontumaċi.**

Rat ukoll li ebda rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta jew difensur tagħha baqa' qatt ma deher għas-seduti.

Rat il-provi mressqa mill-Bank attur u semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tiegħu.

Rat illi ll-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-isfond għall-kawża odjerna huwa li l-kontendenti kienu kredituri ta' soċjeta' terza. L-ammont ta' kreditu dovut lill-Bank attur kien jeċċedi dak dovut lis-soċjeta' konvenuta odjerna. Mill-atti jkompli jirriżulta li –

[1] Fol 121

i. **B'digrieti ta' liberazzjoni tat-3 ta' Lulju 2012**[2] in segwitu għal bejgħ bl-irkant miżmum taħt l-awtorita' tal-Qorti fuq rikors tal-Bank odjern fejn ġew liberati a favur tal-istess bank sitt proprjetajiet appartenenti lis-soċjeta' Penza Concrete Services Ltd, debitriċi tiegħu;

ii. Permezz ta' **ċedola ta' kompensazzjoni datata 6 ta' Lulju 2012**[3] il-Bank attur iddikjara li b'nota tad-9 ta' Marzu, 2011 ai termini tal-artikolu 333 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Bank attur kien irreġistra ruħu sabiex joffri *animo compensandi* u għalhekk biċ-ċedola msemmija ikkompensa l-ammont minnha offrut ta' €402,000 ma' somma ekwivalenti mill-kreditu akbar dovut minn Penza Concrete Services Limited. Fl-istess jum il-Bank preżenta rikors quddiem il-Qorti għall-approvazzjoni sabiex jikkompensa l-prezz offrut minnu[4];

iii. Permezz ta' **risposta datata 10 t'Awwissu 2012**[5] is-soċjeta' konvenuta opponiet għal dan ir-rikors għall-approvazzjoni ta' kompensazzjoni fuq il-premessa illi hija kreditriċi ta' Penza Concrete Services Limited fl-ammont ta' € 42,426 konsistenti f'kapital u imgħaxijiet li kienu laħqu ddekorrew fil-frattemp;

iv. Il-Bank attur kien irreaġixxa għal din ir-risposta b'**replika datata 7 ta' Settembru 2012**[6] fejn saħaq li huwa għandu kreditu pozzjuri għal dak tas-soċjeta' Cerfar Limited b'dan illi skont ir-riċerki li saru mill-Bank attur irriżulta illi l-Bank huwa munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' Cerfar Ltd. Oltre minn hekk il-

[2] Fol 9 et seq
[3] Fol 15 et seq
[4] Fol 17
[5] Fol 18 et seq
[6] Fol 20 et seq

Bank kompla jiddikjara li huwa għandu krediti ipotekarji oħrajn illi għalkemm ma użax biex jikkompensa l-prezz, jista' jistrieh fuqhom f'konkors eventwali;

v. **B'digriet tad-9 ta' Settembru 2013**[7] il-Qorti, fl-atti tas-subbasta numru 6/11 ordnat illi jsir konkors ta' kredituri;

vi. Sussegwentement il-Bank permezz ta' **rikors datat 20 ta' Settembru 2013**[8] talab lill-Qorti tgħaddi biex tiddekreta r-rikors għall-approvazzjoni taċ-ċedola ta' kompensazzjoni b'dan illi l-Bank jiddepożita garanzija bankarja favur ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali għall-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€ 45,000) biex jagħmel tajjeb għal kull kreditu li fil-konkors ta' kredituri li seta' jinfetaħ a bażi ta' tali garanzija seta' jiġi pregradwat għal dak tal-Bank;

vii. **Is-soċjeta' Cerfar Ltd irrispondiet għal dan ir-rikors fis-17 ta' Diċembru 2013**[9] u opponiet għat-talba tal-Bank fir-rikors tal-20 ta' Settembru 2013 u dan stante li nsistiet li fil-frattemp l-ammont dovut lilha minn Penza Construction Ltd kien awmenta minħabba mgħaxijiet, għal €48,399.66 *ergo* aktar mis-somma li l-Bank kien offra li jikkawtela;

viii. Il-Bank attur intavola **rikors ieħor fl-24 t'April 2014**[10] fejn rega' talab lill-Qorti tgħaddi biex tiddekreta r-rikors għall-approvazzjoni taċ-ċedola ta' kumpensazzjoni għall-ammont ridott ta' € 353,600.34 bil-kundizzjoni illi l-Bank

---

[7] Fol 83 et seq
[8] Fol 85 et seq
[9] Fol 87
[10] Fol 88 et seq

jiddepożita s-somma ta' € 48,399.66 biex tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' Cerfar Limited;

ix. Għar-rikors appena msemmi **s-soċjeta' konvenuta rrispondiet fl-1 ta' Settembru 2014**[11] fejn talbet lill-Qorti sabiex tiċħad it-talba tal-Bank b'dan li ma tiġi approvata ebda kompensazzjoni f'dan l-istadju. Hija sostniet li d-depożitu li ried jagħmel il-Bank ma kienx suffiċjenti biex ikopri l-kreditu tagħha u li dan kien ser ikompli jikber sakemm jitħallas;

x. B'**deċiżjoni tal-Qorti datata 2 t'Ottubru 2014**[12] ir-rikors tal-Bank attur tal-24 t'April 2014 ġie miċħud;

xi. **Fit-28 t'Ottubru 2014 Bank attur intavola rikors ieħor**[13] fejn talab ir-revoka *contrario mperio* tad-digriet tal-Qorti tat-2 t'Ottubru 2014;

xii. **Cerfar Ltd irrispondiet għal dan ir-rikors fit-18 ta' Novembru 2014**[14] u opponiet għal tali talba stante li fil-fehma tagħha ma ntweriet ebda raġuni valida il-għala l-Qorti kellha tiddipartixxi minn dak minnha konkluż fid-digriet imsemmi;

xiii. **B'digriet tal-14 ta' Mejju 2014**[15] il-Qorti ċaħdet it-talba tal-Bank fir-rikors tiegħu tat-8 t'Ottubru 2014;

---

[11] Fol 91
[12] Fol 92 et seq
[13] Fol 94 et seq
[14] Fol 101 et seq
[15] Fol 102 et seq

xiv. **B'ċedola ta' depożitu datata 7 ta' Lulju 2015**[16] il-Bank attur iddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti l-prezz globali ta' € 402,000 sabiex din tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont il-liġi;

xv. **Fit-2 ta Ġunju 2015**[17] il-Bank preżenta protest ġudizzjarju kontra s-soċjeta' konvenuta fejn in vista' tas-suespost żammitha responsabbli għal kwalunkwe danni li l-Bank sofra jew seta' jsofri;

xvii. B'**sentenza tad-9 ta' Lulju 2018**[18] fl-atti tas-subbasta 6/2011 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Penza Concrete Services Ltd* il-Qorti ddeċidiet hekk –

*"Wara li rat il-liġi u l-atti kollha tal-kawża, il-Qorti taqbel u tagħmel tagħha l-konklużjoni tal-Perit Legali illi il-gradwazzjoni tal-kredituri fuq is-somma ta' €402,000 depożitata permezz taċ-ċedola numru 1018/2015 fis-7 ta' Lulju 2015 li permezz tagħha HSBC Bank Malta plc iddepożitat l-prezz intier wara li l-propjeta tal-intimata fl-atti tas-subbasta numru 6/2011 ġiet liberata favur tagħha fit-3 ta' Lulju 2012 għandha tkun kif ġej:*

*(a) HSBC Bank Malta plc sas-somma ta' €9,661.83 spejjeż ġudizzjarji privileġjati a' tenur tal-Artiklu 2004 Kap 16.*

*(b) HSBC Bank Malta plc għas-somma kollha rimanenti depożitata bic-cedola numru 1018/2015 akkont tal-imgħaxijiet dovuti ta' €907,701.62 sas-6 ta' Jannar 2016 u b' riżerva għall-kapital dovut ta' €1,141,392.96 u imgħaxijiet ulterjuri.*

[16] Fol 112 et seq
[17] Fol 114 et seq
[18] Fol 168 et seq

*Illi stante li m' hemmx fondi suffiċjenti depożitati biċ-ċedola numru 6/2011 biex jagħmlu tajjeb għall-kredituri l-oħrajn, it-talba tagħhom biex jiżbankaw l-ammont dovut lilhom ikollha bil-fors tiġi miċħuda.*

***Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiddikjara illi l-Kummissarju tat-Taxxi m'għadux kreditur stante ħlas a saldu li sar fil-mori tal-proċeduri, u tiddikjara illi l-kredituri ta' Penza Concrete Services għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri huma HSBC Bank Malta plc u Cerfar Limited, tiċħad it-talba ta' Cerfar Limited sabiex tiżbanka l-ammont dovut lilha peress illi m'hemmx fondi suffiċjenti u tordna illi l-ammont sħiħ iddepożitat minn HSBC Bank Malta plc wara l- liberazzjoni tal-proprjeta mibjugħa bis-subbasta numru 6/2011 għandhom jiġu liberati:***

***1. Fis-somma ta' disat' elef, sitt mija u wiehed u sittin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€9,661.83) bħala spejjeż privileġjati favur HSBC Bank Malta plc; u***

***2. Fis-somma rimanenti depożitat biċ-ċedola numru 1018/2015 favur HSBC Bank Malta plc akkont tal-imgħaxijiet dovuti ta' €907,701.62 sas-6 ta' Jannar 2016 u b' riżerva għall-kapital dovut ta' €1,141,392.96 u imgħaxijiet ulterjuri.***

***L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu minn Penza Concrete Services Limited."***

xvi. B'**Nota tad-9 ta' Novembru 2018**[19] l-Bank attur iddikjara li wara l-konkors ta' kredituri fl-atti tas-subbasta numru 6/2011 ġie deċiż li l-Bank HSBC Bank Malta plc seta' jiġbed is-somma depożitata skont id-digriet Nru 871/13[20]. Fin-Nota ngħad ukoll li l-prospett esibit a fol 108 juri s-somma minn dakinhar li ġiet iddepożitata l-Qorti fl-10 ta' Lulju 2015 sat-13 ta' Settembru 2018 li hija d-data ta' meta l-Bank rċieva l-flus lura fil-kotba tiegħu bl-imgħax akkumulat fuq l-

[19] Fol 147
[20] Esibit in atti a fol 149 et seq

istess ammont tul dan il-perjodu. Dan l-imgħax sat-13 ta' Settembru 2018 bir-rata ta' 8% jammonta għal €103,716.00.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fl-ewwel lok u kif inhuwa rassodat fil-ġurisprudenza, għalkemm is-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi u m'hemmx dubju li dan jekwivali għal dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, dan ma jagħtix awtomatikament il-*via libera* lis-soċjeta' attriċi li takkwista l-akkoljiment tat-talbiet tagħha faċilment. Dan peress li kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi. Isegwi li s-soċjeta' attriċi xorta kellha tressaq provi li jikkonvinċu lil din il-Qorti, almenu sal-grad ta' probabilta', li t-talbiet tagħha jimmeritaw li jiġu akkolti. F'kull każ, is-soċjeta' konvenuta, anke jekk bil-kontumaċja tagħha tilfet id-dritt li tressaq provi xorta kienet intitolata li tagħmel sottomissjonijiet dwar il-każ, kif fil-fatt seħħ fil-każ odjern.

Ingħad hekk fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[21] **-**

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-ohra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera*

[21] Ċit 1761/01

*dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[22] ingħad hekk –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guże Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

Ferm il-premess, fil-mertu l-bażi tal-azzjoni tal-bank attur hija l-allegat abbuż tad-dritt eżerċitat mis-soċjeta' konvenuta fil-konfront tal-attur meta hija bl-aġir arbitrarju u kapriċċuż tagħha fil-proċeduri ta' Subbasta Nru 6/11 irrekatlu danni.

Naturalment u bħala prinċipju legali bażilari jiġi sottolineat fl-ewwel lok li kull persuna għandha d-dritt li teżerċita d-drittijiet tagħha sakemm hija ma tabbużax minn dan id-dritt u ma jiġix muri li aġixxiet b'mod doluż jew vessatorju a skapitu ta' terzi.

[22] Ċit 2446/98

**L-artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi hekk –

*"Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu."*

Fil-proċeduri fl-ismijiet **Karkanja Developments Limited (C-34155) vs Paul Galea et deċiż fid-29 ta' Novembru 2018** ingħad hekk -

*"Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza* ***Zarb vs Port Cottonera*** *deċiża fit-18 ta' Settembru 2002 u dan b'referenza partikolari għal sentenza preċedenti* ***Busietta Gardens Madliena Limited vs Civil Engineering and Contractors Co. Ltd*** *deċiża fil-11 ta' Jannar 2002:*

*"Din il-Qorti, kif presjeduta, tħoss bir-rispett kollu, li t-terminu ta' dan id-dicta huwa ftit wiesgħa. Skond dik is-sentenza, jekk persuna tiftaħ kawża in buona fede, għax ġenwinament tħoss li għandha raġun, u tikkawtela l-pretensjoni tiegħu bi ħruġ ta' mandat kawtelatorju, jekk, għal xi raġuni jew oħra, titlef il-kawża, tkun passibbli għad-danni. Din il-Qorti tħoss li dan il-prinċipju jista' jkun perikoluż għal min ikun titolar tad-dritt, għax il-possiblità li kawża tintilef huwa dejjem reali, sod kemm ikun sod it-titolu pretiż mill-attur. Dan il-prinċipju jista' jbiegħed lil min ikun fis-sewwa milli jitob ir-rimedju mill-Qorti u dan minħabba l-biża, dejjem reali, li jitlef il-kawża u, kwindi, ikollu jħallas danni.*

*Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilità għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mill-liġi."*

Imbagħad fil-każ **Adrian Grech et vs James Falzon deċiż fit-22 ta' Novembru 2018** il-Qorti rreferiet b'mod estensiv għall-ġurisprudenza in materja –

*"Illi f'dan il-kuntest issir referenza eżawstiva għall-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet* **John Zarb vs. Port Cottonera Limited***, datata t-18 ta' Settembru, 2002, li stabbiliet is-segwenti:*

*"Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hi li eżercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilita` għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibili mill-ligi ...*

*"Hu meta persuna taġixxi kapriċċosament jew b'mala fede, li tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha;*

*"Din il-qorti, għalhekk, filwaqt li tista' taqbel li ċ-ċirkostanzi ta' meta min ikun ħareġ mandat kawtelatorju jista' jinsab responsabbli għad-danni, mhux limitati għal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, tħoss li r-responsabbilita` trid toħroġ mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jaġixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-ħsieb ta' bonus pater familias;*

*"Din il-posizzjoni tidher li kienet abbraċċjata ukoll min din il-qorti kif diversament presjeduta ...fil-kawża "***Spiteri vs Camilleri***" deċiża fl-10 ta' Jannar, 1992. F'dik il-kawża ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:*

*"(a) Illi hu prinċipju fundamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżercizzju ikun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbagħti ħaddieħor, in omaġġ għall-massima "qui suo iure utitur non videtur damnum facere", bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-qorti, hu dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-cittadin ma għandhu bl-ebda mod jiġi mxekkel;*

*"(b) Illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-qorti ma għandux jiġi abbużat;*

*"(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-qorti. "Non e` in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunal il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan għaliex għalkemm il-liġi hi l-istess għal kulħadd, huwa veru ukoll li l-liġi hi soġġetta għal diversi, interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċiedi dwarhom;*

*"(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta` ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" Kollez. Vol XXXIX. 1. 24), nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun adixxa lill-qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti  "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e` sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite" ("Mugliette vs Bezzina" Kollez. Vol. XXVI. I. 405);*

*"(e) Illi dan l-aħħar prinċipju hu bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta` jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi:*

*"Il diritto cessa dove comincia l-abbuso ... Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che provocano i bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".*

*Applikat dan il-prinċipju għad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` essere*

*condannato a pagare un'indemnita` al suo avversario ..." (Baudry – Lacantinerie – Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560)";*

Fil-każ **Anna Vella vs Eric Darmanin deċiż fis-26 ta' Frar 2015** il-Qorti elenkat is-segwenti prinċipji ġurisprudenzjali –

*"Kif ġie enunzjat fil-kawża* ***Jane Spiteri v Nicholas Camilleri*** *(PA(JSP) - deċ. 10 ta' Jannar 1992) "Hu ċar ukoll li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hija fost l-aqwa drittijiet li fl-eżercizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin pero' d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż. Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll l-fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċessarjament li sar abbuż tad-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każ eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex hu risaput li għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kullħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet vari u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjeta' jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina u japplika.*

*Kif jgħid l-awtur (Baudry -Lacantinerie. -Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni-Vol. VI. Pg. 560). "Il diritto cessa dove comincia l'abbuzo ... ... riteniamo che basta, per prottegere tutti linteressi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghaddritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi " chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario.....".*

*Il-limiti ta' responsabbilita' ġew imfissra minn din il-Qorti diversament presjeduta f'sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju 1902 fl-ismijiet* ***Francesco Camilleri v Lorenzo Gatt nomine*** *:*

*"...kif ġie kostantement ritenut minn din il-Qorti, min ikun rebbieħ f'kawża jkollu dritt jitlob id-danni mill-parti l-oħra, meta jkunu fondati, mhux fuq is-sempliċi fatt tal-kontestazzjoni, imma fuq att doluż jew kolpuż ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negliġenza gravi tkun ikkaġunatlu danni billi daħħlitu f'kawża."*

*Il-Qorti ssoktat tiċċara li "Dan ma jfissirx li kull min jitlef kawża għandu wkoll jirrispondi għad-danni, għax min jesercita d-dritt tiegħu mhux responsabbli għad-danni li jistgħu jiġru, sakemm il-pretensjoni tiegħu ma tkunx arbitrarja jew kapriċċusa."(Kollez.Vol.XXVIII-I-288-96;Vol.V,222;Vol.VII,I;Vol.XII,434;Vol.XXVII-I-72; u Appell 7 ta' Dicembru 1931 in re:* ***Barbara v Fleri*** *fejn ġie ritenut li "Meta jiġu applikati l-prinċipji fuq esposti għall-każ in eżami, l-appellant għandu jiġi miżmum responsabbli għad-danni mitluba minnħabba l-pretensjoni tiegħu temerarja u kapriċċjuża."*

*Illi jirriżulta li tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' (***Emanuele Calleja vs Carmelo Grima*** *-A.C. -XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza gravament kolpuża (Agius vs Dott. Carbone nomine -XIII. 434 -10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite". (Mugliette vs Bezzina -XXVI. I. 405).*

*Minn dan joħroġ li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja u mhux is-suċċess o meno fis-sentenza finali."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum u fid-dawl tal-provi mressqa fil-kawża odjerna l-Qorti tqis li rigward is-soċjeta' debitriċi Penza Concrete Services Ltd il-Bank attur kien munit b'ipoteki u privileġġi li jippregradwaw dawk tas-soċjeta' konvenuta Cerfar Ltd. Dan mhux biss ġie konfermat mis-sentenza fl-atti tas-subbasta numru 6/11 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta plc vs Penza Concrete Services Ltd* deċiża fid-9 ta' Lulju 2018 iżda l-Bank attur kien ilu snin jisħaq dwar dan f'dawk l-istess proċeduri[23]. Nonstante dan is-soċjeta' konvenuta odjerna baqgħet arbitrarjament topponi għat-talbiet tal-Bank għall-approvazzjoni tal-kompensazzjoni magħmulha minnu b'ċedola. Dan oltre l-fatt li l-*quantum* tal-kreditu a favur is-soċjeta' Cerfar Ltd kien ferm inqas minn dak a favur il-Bank attur.

Jiġi nnutat ukoll li nonostante d-diversi tentattivi li għamel il-Bank attur biex tinstab soluzzjoni li fl-istess ħin ma tippreġudikax lis-soċjeta' konvenuta, l-istess Bank sab ħajt persistenti u kontinwu da parti tas-soċjeta' konvenuta li baqgħet kontinwament topponi għal kull proposta mressqa mill-Bank. Infatti meta fost l-isforzi tiegħu l-Bank issuġġerixxa li jiddepożita ammonti sabiex jiġu kawtelati l-pretensjonijiet ta' Cerfar Ltd din baqgħet kull darba topponi bl-iskuża li sakemm isir id-depożitu propost jilħqu jakkumulaw aktar interessi. Il-kopji tar-rikorsi tal-Bank u r-risposti għalihom ta' Cerfar Ltd esibitu in atti juru dan b'mod ċar. Dan kollu spiċċa biex finalment wassal lill-Bank li minkejja li kien kreditur ta' Penza Concrete Services Ltd u li kien għadu ma tħallasx l-ammont li kellu jieħu minn din is-soċjeta' (wara li s-subbasta kienet saret fl-2012), kien kostrett jipproċedi

[23] Ara replika tal-Bank tas-7 ta' Settembru 2012 a fol 20.

f'Lulju 2015 biex jiddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti l-prezz globali ta' €402,000. Dan meta kif ingħad l-ammont ta' kreditu dovut lil Cerfar kien ferm u ferm inqas.

Kien biss wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti fid-9 ta' Lulju 2018, meta l-pretensjonijiet tal-Bank ġew konfermati bħala li jippregradwaw dawk ta' Cerfar Ltd li finalment il-Bank seta' jibda l-proċess biex jiġbed lura l-ammont depożitat minnu. Effettivament il-Bank ħa lura dan l-ammont fit-13 ta' Settembru 2018.

Fil-fehma tal-Qorti l-atteġjament intransiġenti u ostili ta' Cerfar Ltd f'dawk il-proċeduri ta' subbasta li b'mod vessatorju u rraġjonevoli baqgħet tostakola l-eżerċizzju tal-pretensjonijiet tal-Bank jammonta għal abbuż ta' dritt li jimmerita s-sanzjonijiet mitluba mill-Bank attur fil-proċeduri odjerni.

Infatti, minħabba dak li kien kostrett jagħmel il-Bank fil-proċeduri ta' subbasta msemmija, huwa tilef l-użu tas-somma ta' €402,000.

Skont **l-artikolu 1047 (1) tal-Kap 16 -**

*"Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas ta' l-imgħaxijiet li jitqiesu bit-tmienja fil-mija fis-sena".*

Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tqis l-ewwel talba tal-Bank attur timmerita li tiġi akkolta, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba peress li fil-frattemp il-Bank attur laħaq irtira s-somma flus ta' €402,000 depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti.

It-tielet, ir-raba u l-ħames talba jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, li kif ingħad għandu skont il-liġi jikkonverti ruħu fi ħlas ta' imgħaxijiet ta' 8% fuq is-somma ta' €402,000.

Dwar il-perjodu li minnu għandu jibda jiddekorri dan l-imgħax l-Bank attur qiegħed jivvanta pretensjoni għas-somma ta' €103,716.00 li tirrappreżenta 8% imgħax fuq is-somma ta' €402,000 għall-perjodu mill-10 ta' Lulju 2015 (meta seħħ id-depożitu) sat-13 ta' Settembru 2018 (meta l-Bank rċieva l-flus lura fil-kotba tiegħu). Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tqis li din iċ-ċifra hija ġustifikata.

Għalhekk it-talbiet rimanenti tal-Bank attur ser jintlaqgħu kif appena ngħad.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi -**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-Bank attur u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Bank attur huwa munit b'ipoteki li jippregradwaw dawk ta' kredituri oħra fosthom tal-istess konvenuta Cerfar Limited, u li għalhekk id-depożitu li sar fl-atti tal-proċeduri tas-subasta 6/11 biċ-ċedola numru 1018/2015 fis-somma ta' € 402,000 jispetta lill-Bank attur;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba attriċi in kwantu fil-frattemp is-somma ta' € 402,000 depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti ġiet irtirata mill-Bank attur;**

**3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni sofferti mill-Bank attur konsistenti fl-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma depożitata;**

**4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida d-danni sofferti mill-Bank attur fis-somma ta' mija u tlett elef Ewro, seba' mija u sittax il-Ewro (€103,716.00);**

**5. Tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi d-danni hekk likwidati;**

**6. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**